**16 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Frank Xavier Aquilina

*versus*

Carlo Leone Ganado *et*

## Artikoli 974 u 978 tal-Kodiċi Ċivili - Vjolenza Morali - Konsiderazzjoni Nieqsa jew Illegali

*L-ewwel Onorabbli Qorti għamlet rassenja interessanti tal-ġurisprudenza dwar il-vjolenza morali bħala vizzju tal-kunsens.*

*Il-Qorti ta' l-Appell stabbiliet li ma kienx hemm prova tal-vizzju tal-kunsens.*

*Lanqas ma sabet li l-iskrittura kienet nieqsa minn konsiderazzjoni jew li din kienet illegali waqt li żiedet tgħid li jekk l-appellanti kienu qegħdin isostnu n-nullita' ta' l-iskrittura jew addirittura li kien hemm konsiderazzjoni simulata, dan ma setgħux jagħmluh* per via di eccezione, *imma kien il-każ li jistitwixxu azzjoni* ad hoc.

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru, 1992 li minnha sar dan l-appell li tgħid hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-2 ta' Awissu, 1988 li bih l-attur wara li ppremetta illi permezz ta' skrittura privata tal-25 ta' Frar, 1984 il-konvenuti solidalment bejniethom ikkonstitwew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri ta' l-attur fis-somma ta' Lm600 bħala bilanċ finali lilu dovut għal diversi mutwi u interessi relattivi u inklużi spejjeż ġudizzjarji u legali sa' dakinhar, u obbligaw ruħhom li jħallsu din is-somma b'pagamenti ratejali ta' Lm20 kull xahar, l-ewwel pagament isir fl-1 ta' April, 1984 mingħajr interessi u li fl-istess skrittura ġie stipulat illi, jekk il-konvenuti jonqsu milli jħallsu żewġ rati jew ammont ekwivalenti fi żmien għaxart ijiem mill-interpellazzjoni għall-ħlas bil-miktub, huma jiddekadu mill-benefiċċju tat-terminu l-bilanċ kollu li jkun għadu dovut jibdew jiddekorru fuqu l-interessi ta' 8% fis-sena;

U wara li ppremetta illi l-konvenuti ħallsu biss erba' akkonti ta' Lm20 'l wieħed, b'kollox Lm80, u għalhekk fadlilhom jagħtu bilanċ ta' Lm520, barra mill-interessi, u li huma ġew interpellati jħallsu l-bilanċ minnhom dovut, u dana kemm permezz ta' ittri u kemm permezz ta' ittri uffiċjali, iżda baqgħu inadempjenti;

Jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijiet imsemmija;

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenuti iddekadew mill-benefiċċju tat-terminu lilhom mogħti permezz ta' l-iskrittura fuq imsemmija;

2. Tikkundannahom iħallsu solidalment bejniethom il-bilanċ imsemmi ta' Lm520;

Bl-interessi tat-8% mill-1 ta' Awissu, 1984 u bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew:

1. Preliminarjament l-vizzju tal-kunsens tal-konvenuti minħabba vjolenza morali;

2. In kwantu illi l-azzjoni hija diretta kontra l-konvenuta May Leone Ganado wkoll din għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż għaliex ma kienx hemm d-debita awtorizzazzjoni ta' l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex il-konvenuta setgħet tiggarantixxi dejn ma' żewġha;

3. Il-konsiderazzjoni tal-kuntratt suġġett ta' din il-kawża hija ineżistenti, jew *se mai* illegali;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-26 ta' Ġunju, 1992 li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu fil-qosor is-segwenti:

Bi skrittura privata ddatata 25 ta' Frar, 1984 il-konvenuti

solidalment bejniethom ikkostitwew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri ta' l-attur fis-somma ta' Lm600, bħala bilanċ finali lilu dovut għal diversi motivi u interessi relattivi, u inklużi spejjeż ġudizzjarji u legali sa dakinhar. Huma obbligaw ruħhom li jħallsu dan l-ammont f'rati mensili ta' Lm20 bil-modalitajiet l-oħra msemmija fl-istess skrittura u bid-dekadenza minn kull benefiċċju tat-terminu f'każ li jibqgħu lura mill-ħlas ta' ammonti ekwivalenti għal żewġ skadenzi. F'din l-eventwalita' jibdew jiddekorru l-imgħax bit-8%;

L-attur jallega bħala fatt li l-konvenuti ħallsu biss erba' skadenzi u allura fadal bilanċ x'iħallsu ta' Lm520, apparti l-imgħax skadut sal-lum, li sar dovut wara l-interpellazzjoni lilhom magħmula skond l-istess skrittura. Il-konvenut jaċċetta li ħallas biss akkont żewġ skadenzi. "Nikkonferma li saru żewġ pagamenti min-naħa tagħna akkont ta' l-ammont ta' Lm600". "Pero' wara qgħadt naħsibha li hu (l-attur) ħa Lm21,000, b'interessi eżorbitanti, u allura jien ħassejt li ma kellix inkompli nħallashom u allura jien waqqaft il-pagamenti";

Jirriżulta li l-iskrittura kostituttiva tad-debitu tal-25 ta' Frar, 1989 - li l-oriġinal tagħha ġie esebit (fol. 11) - ġiet redatta mill-Avukat Dottor Albert Ganado, il-konsulent ta' l-attur. L-Avukat Ganado xehed li l-ammont ta' Lm600 kien verament jirrappreżenta spejjeż ġudizzjarji ta' diversi kawżi bejn il-kontendenti, dovuti mill-konvenuti. Kien sar kalkolu approssimattiv tagħhom u sussegwentement kien irriżulta li l-ammont rejalment dovut kien jeċċedi dan l-ammont b'ċirka Lm40 kif jirriżulta mid-dokumenti minnu esebiti;

L-iskrittura ġiet redatta u iffirmata l-Mid-Med Bank fl-istess

okkażjoni meta sar il-kuntratt bejn il-bank u l-konvenuti, li bih ġie avvanzat kapital mill-bank biex bih jitħallas id-debitu li l-konvenuti kellhom versu l-attur. Infatti l-kuntratt relattiv ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Brincat juri li fl-istess jum ta' l-iskrittura l-bank silef lill-konvenuti somma ta' Lm21,000, li ħallas b'surroga lill-attur;

Il-konvenuti jsostnu li l-ammont ta' Lm600 ma hux dovut lill-attur. Il-konvenuta xehdet li meta sar il-kuntratt mal-bank "Jien lill-attur kelli nagħtih Lm15,900, b'kollox u dawk dak iż-żmien kienu jinkludu wkoll Lm3,400 li huma kienu qed jitolbuni fil-kawża l-oħra". L-attur pero' esebixxa erba' kuntratti li juru li b'kollox l-ammont dovut lill-attur meta sar il-kuntratt mal-bank u inkluż l-imgħax dovut sa' dakinhar, kien laħaq Lm21,045. Dan jiġġustifika l-pagament li sar lill-attur mill-bank ta' l-ammont kollu kapitali misluf lill-konvenuti;

F'dan ir-rigward, allura, jidher korrett dak li xehed l-attur. "Meta aħna morna l-bank biex nagħmlu l-kuntratt sibna li l-bank ma setax jagħtihom lill-konvenuti l-ammont ta' Lm21,600 għax kien hemm deċiżjoni diġa' tal-bord tad-diriġenti li l-massimu kien ta' Lm21,000 u <u>allura għalhekk saret l-iskrittura</u>";

Dan premess hu ovvju illi din l-iskrittura hi l-prova inkonfutabbli ta' l-eżistenza tal-kreditu favur l-attur u ta' l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti li jirrestitwuha skond il-modalitajiet bejniethom miftehma. Sakemm din l-iskrittura ma tiġix impunjata għal xi raġuni li tippremetti l-liġi, l-ebda prova oħra ma hi permessa li tinġieb kontra tagħha. *Contra scriptum non est argomentum*;

Konxji minn dan l-istat ta' fatt ta' liġi, il-konvenuti taw

*eċċezzjonijiet immirati biex jimminaw il-validita` ta' l-iskrittura u* jrenduha nulla u bla effett fil-liġi. Il-Qorti tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-ordni mogħtija:

Preliminarjament il-konvenuti jeċċepixxu l-vizzju tal-kunsens tagħhom "minħabba vjolenza morali". Il-vjolenza bħala att li jinfiċċja l-kunsens hi ttrattata fl-artikolu 974 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu rilevanti għall-każ in eżami huma:

L-artikolu 974: "Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa";

L-artikolu 978: "(1) Il-kunsens jitqies meħud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġiegħlha tibża' li hija nnfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira;

(2) F'dawn il-każijiet għandhom jitqiesu l-eta`, is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna";

Dawn l-artikoli ġew hekk interpretati mill-ġurisprudenza:

"Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal għan-nullita` tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt li li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jiġi ottenut il-kunsens, u mhux biex jiġi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li eżerċitata biex tottjeni dak il-kunsens" (**Edgar G. Soler *nomine* vs H.H. Sir David Campbell *nomine*** - Vol. XXXIII, P.II, pp. 431);

"Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens

hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi u tali li tagħmel impressjoni fuq persuna raġonevoli u li tiġġenera l-biża' li tesponi inġustament lill-persuna tagħha jew il-ġid tagħha għal dannu gravi .... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indaġini li hija mħollija interament fil-prudenza tal-ġudikant" (**Rosario Bartolo *vs* Giovanni Bartolo** - Vol. XXIX, P. II, pp.749);

Il-Qorti qieset il-fatti tal-kawża kif irriżultawlha, u partikolarment ix-xhieda tal-konvenuti u hi tal-fehma li huma bl-ebda mod ma rnexxielhom jippruvaw, lanqas lontanament l-eċċezzjoni tagħhom li huma kienu soġġetti - fil-mument meta kkontrattaw l-iskrittura impunjata, għal xi forma ta' vjolenza morali li setgħet ivvizzjat il-kunsens tagħhom. Verament ma taw l-ebda indikazzjoni ċerta ta' x'kien il-fatt vjolenti li kkondizzjonalhom il-kunsens tagħhom u allura l-Qorti mhux f'pożizzjoni tevalwa jekk tali fatt kienx determinanti, inġust u gravi sal-punt li jivvizjalhom il-kunsens. Il-konvenuti jaċċennaw biss li huma beżgħu li jekk ma jiffirmawx l-iskrittura, l-attur ma kienx ser jiffirma l-kuntratt magħhom, u allura d-dejn fil-konfront tiegħu jibqa' veljanti u jkomplu l-proċeduri ġuduzzjarji kontrihom;

Hu ċar pero' illi l-eżercizzju ta' dritt jew anke l-pretensjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proċeduri ġudizzjarji bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala element kostituttiv ta' vjolenza morali fit-termini tal-liġi. Fejn dak id-dritt jeżisti - kif l-attur jippretendi li kien jeżisti in kwantu l-ammont ta' Lm600 kien jirrappreżenta spejjeż ġudizzjarji ppruvati - il-kreditur kien pjenament ġustifikat li jeżerċitah u d-debitur ma jistax javanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta' l-eżerċizzju ta' dak id-dritt kien tant serju li seta' jiġi kkwalifikat bħala xi forma ta' vjolenza morali fuqu. Fejn dan id-dritt hu biss pretiż, u anke jekk jirriżulta eventwalment infondat,

id-debitur għandu dejjem a disposizzjoni tiegħu rimedji legali biex jikkontrasta l-pretensjoni tal-kreditur li jidhirlu li hi inġusta. Tali opportunita` ta' difiża ġudizzjarja effettiva tinnewtralizza kull forma ta' vjolenza u d-debitur ma għandu l-ebda jedd li jċedi għall-pretensjoni allegatament inġusta tal-kreditur bil-ħsieb li javvanza l-iskużanti tal-vjolenza morali fi stadju ieħor. Rilevanti wkoll f'dan il-kuntest il-fatt li l-konvenuti ħallsu żgur żewġ rati mensili (l-attur jikkontendi li kienu erba' u hekk ser tqis li ġara' l-Qorti) tar-ripagament wara l-firma ta' l-iskrittura. Hu ċar li kull darba li tħallas pagament, il-konvenuti kienu qed jirrattifikaw l-iskrittura minnhom iffirmata u jġibu fix-xejn l-eċċezzjoni tagħhom li l-kunsens tagħhom kien ivvizzjat kif minnhom allegat. Kif hi wkoll rilevanti l-ittra tal-konvenut tat-18 ta' Jannar, 1985 (fol.36) li biha hu ħallas wieħed mill-pagamenti bil-promessa li l-posizzjoni ma' l-attur tiġi rettifikata meta *our financial position improves*;

Il-konvenuti qed jallegaw ukoll illi l-azzjoni inkwantu diretta kontra l-konvenuta May Leone Ganado għandha tiġi miċħuda għaliex ma hemmx id-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti "sabiex il-konvenuta setgħet tiggarantixxi dejn ma' żewġha". Din l-eċċezzjoni hi insostenibbli għaliex:

Mhux veru bħala fatt li l-konvenuta bl-iskrittura impunjata qed "tiggarantixxi dejn ma' żewġha". Fl-iskrittura hi qed "<u>tikkostitwixxi ruħha</u> debitriċi <u>flimkien</u> ma' żewġha tad-debiti tagħha";

Ma hijiex meħtieġa ebda awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla biex il-konvenuta tissottoskrivi din l-iskrittua. Kellha bżonn biss, *se mai*, l-intervent u l-awtorizzazzjoni ta' żewġha li altru li kien mogħti f'din iċ-ċirkostanza. Kien infatti ko-firmatarju magħha;

Il-konvenuti finalment qed jeċċepixxu li l-konsiderazzjoni tal-kuntratt kienet "ineżistenti jew *se mai* illegali". Din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi rriġettata in kwantu ma rriżulta l-ebda prova ta' l-illegalita` allegata. Jekk xejn irriżulta l-kuntrarju. Jirriżulta li l-import ta' l-obbligazzjoni kien fil-parti l-kbira l-ħlas ta' spejjeż ġudizzjarji jew ħlasijiet konnessi li ċertament ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala illegali. It-taxxi uffiċjali sussegwentement maħruġa favur l-attur, huma fihom infushom, titolu eżekuttiv li jipprova, mhux biss il-legalita` ta' l-azzjoni, imma wkoll l-eżistenza tal-kreditu. Ikkonfrontati b'din l-iskrittura għalhekk, il-konvenuti setgħu biss jeċċepixxu l-pagament li huma jaqblu li fil-fatt ma għamlux;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet ta' l-attur kif dedotti bl-ispejjeż kontra l-konvenuti. L-imgħax jiddekorru, kif mitlub, mill-1 ta' Awissu, 1994 sad-data ta' l-effettiv pagament";

Rat in-Nota ta' l-Appell u l-Petizzjoni ta' l-Appell tal-konvenuti li permezz tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellanti qegħdin jissottomettu li l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat meta ddikjarathom debituri

solidalment versu l-attur għax effettivament il-konsiderazzjonijiet fl-iskrittura Dok. A kienu ineżistenti, u fil-konfront ta' l-appellanti May Leone Ganado ma kienx hemm l-approvazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili biex hija tkun tista' tiggarantixxi d-debitu ta' żewġha;

F'aktar dettal l-appellanti jissottomettu li eżami ta' l-iskrittura Dok. A jindika mill-ewwel li konsiderazzjoni fil-fatt ma kienx hemm u li ġara kien li sempliċement l-attur ried sitt mitt lira maltija (Lm600) oħra biex jiffirma l-kuntratt li kellu jsir il-bank dakinhar stess. Id-Dok. A jgħid li s-sitt mitt lira maltija (Lm600) huma dovuti "bħala bilanċ finali għal diversi multi u interessi relattivi, u inklużi spejjeż ġudizzjarji u legali sa llum". L-appellanti pero` jsostnu li sa' dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt kien hemm qbil fuq is-somma li kellhom jagħtu lill-attur, u għalhekk, ħassewhom sorpiżi meta l-attur, ħabta u sabta talabhom aktar. Tant kienu miftehma fuq wieħed u għoxrin elf lira maltija (Lm21,000) għas-saldu, li meta l-Avukat Albert Ganado, li kien qiegħed jassisti lill-attur fuq il-kuntratt, mar għall-kuntratt, lanqas ħa miegħu l-kont tiegħu "għax ma kontx naf li ser niġi rikjest dakinhar ħalli nissottometti l-kont finali tiegħi", u dana ovvjament, għax l-ispejjeż ta' l-avukat tiegħu kien ser iħallashom kollha hu;

L-appellanti wkoll mal-petizzjoni ppreżentaw kopja ta' notament miktub mill-attur *di proprio pugno* li jindika li l-ftehim kien li huma kienu debituri lejh fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf lira maltija (Lm21,000) u xejn aktar;

In vista ta' dan huma jissottomettu li d-dokument A, ċjoe` l-ftehim kontenut fih, hu nieqes għal kollox minn kull konsiderazzjoni, u dak li hemm indikat bħala konsiderazzjoni hu

sempliċement konsiderazzjoni vvintata;

L-appellanti qed jissottomettu dan apparti l-fatt li skond huma, mhux magħruf b'liema kriterju ġie ddeterminat illi l-ispejjeż ta' l-avukat ġa' maħsuba għalihom fil-prezz miftieħem ta' wieħed u għoxrin elf lira maltija (Lm21,000) kellhom iħallsuhom huma, il-konvenuti. Skond l-appellanti id-Dok. A2 u d-Dok. A3 jirreferu għall-kawża fl-ismijiet **Aquilina *vs* Leone Ganado** (Ċitaz. Nru. 1473/82 CS) li lanqas hu magħruf min rebaħ, u minn min ġiet mirbuħa. Barra minn hekk, skond l-appellanti, Dr. Albert Ganado fix-xhieda tiegħu qal, li s-sitt mitt lira maltija (Lm600) jirreferu kollha għall-ispejjeż tal-kawża u li dak il-ħin ħareġ speċi ta' stima preventiva. Suppost għalhekk li l-iskrittura Dok. A tirreferi biss għal spejjeż tal-kawża, mentri fil-fatt hemm indikat li tirreferi għal affarijiet oħra, anzi primarjament tirreferi għal diversi mutwi u interessi relattivi;

L-appellanti fl-aħħar nett jagħmlu wkoll referenza għal dak li huma jidhrilhom li hu konflitt bejn ix-xhieda ta' Dr. Albert Ganado u tal-klijent tiegħu l-attur appellat fir-rigward ta' kemm verament kienu l-ispejjeż ġudizzjarji u jekk l-Avukat Ganado baqax skopert fis-somma ta' wieħed u erbgħin lira maltija (Lm41.00);

Ikkunsidrat:

Illi effettivament in ultima analisi, dan l-appell jirriżolvu ruħu f'apprezzament tal-provi li ġew prodotti fi prim'istanza, u f'xejn aktar. Fit-tieni lok din il-Qorti tosserva li fl-istadju ta' l-appell jidher li l-appellanti qed jispostaw id-difiża tagħhom mill-allegazzjoni ta' vjolenza morali fuq il-kunsens tagħhom li huma kkampaw fi prim'istanza għal dik ta' nuqqas ta' konsiderazzjoni fl-obbligazzjoni

redatta in eskritt permezz tal-kuntratt esebit Dok. A;

Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha kif jirriżultaw fl-assjem tagħhom u ma tarax li tista' b'xi mod taqbel mas-sottomissjonijiet illi qegħdin jagħmlu l-appellanti u dana għal dawn ir-raġunijiet;

Fl-ewwel lok huwa ovvju mill-provi u anke min-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet ta' l-appellanti li l-linja ta' difiża minnhom assunta fi prim'istanza oriġinarjament kienet dik tal-vizzju tal-kunsens li pero` minn imkien ma tirriżulta anke minimament fondata. Infatti ma hemm assolutament ebda prova - anqas mix-xhieda tal-partijiet stess - li setgħet ġiet eżerċitata xi pressjoni morali fuq l-appellanti li biha l-volonta` tagħhom ġiet ivvizzjata b'mod li ġew kostretti jikkostitwixxu ruħhom debituri favur l-attur meta ma kellhom ituh xejn;

Mill-provi miġbura din il-Qorti hija wkoll sodisfatta li mhux sostnut anqas l-argument ta' l-appellanti li l-iskrittura Dok. A li hija l-bażi ta' l-azzjoni tagħhom hija nieqsa mill-konsiderazzjoni. L-iskrittura trid tittieħed fil-kumpless tal-provi li saru u li minnhom jirriżulta li effettivament dawn is-sitt mija kienu jirrappreżentaw bilanċ dovut mill-appellanti li pero` ma kienx ġie rrilevat qabel u li għalhekk ma kienx kopert bil-mutwu li l-bank kien qed jagħmel għas-servizz ta' l-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien proprju għal din ir-raġuni li s-sitt mitt lira (Lm600) essendo parti minn somma globali ta' wieħed u għoxrin elf u sitt mitt lira (Lm21,600) li kienet tirrappreżenta mhux biss spejjeż ġudizzjarji imma dak kollu li hemm indikat fl-iskrittura, ġie rrilevat b'dan il-mod fl-istess Dok. A. Veru li jekk mal-qbil is-sitt mitt lira (Lm600) kienu rappreżentanti spejjeż ġudizzjarji biss, dawn setgħu ġew indikati bħala tali, pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li mhix korretta s-sottomissjoni ta' l-

appellanti illi l-iskrittura hija nieqsa minn konsiderazzjoni legali. Ma' dan jiżdied ukoll li jekk l-appellanti kienu qegħdin isostnu n-nullita` ta' l-iskrittura jew addirittura li kien hemm konsiderazzjoni simulata, dan ma setgħux jagħmluh *per via di eccezione*, imma kien il-każ li jistitwixxu azzjoni *ad hoc*;

Minħabba illi l-appellanti mal-petizzjoni esibew Dok. X, u qed jissottomettu li dan għandu javalla t-teżi tagħhom, din il-Qorti tirrileva li evidentement, anke jekk dan id-dokument huwa miktub *di proprio pugno* mill-appellant, jidher li qed iħalli barra partijiet oħrajn li jirriżultaw mill-atti proċesswali u senjatament din il-Qorti tagħmel riferenza għal prospett Dok. C li hemm a fol. 48 tal-proċess minn fejn jirriżulta li oltre t-tliet debiti li hemm indikati fuq id-Dok. X kien hemm ukoll mutwu ieħor ta' tliet elef lira maltija (Lm3,000) ridott b'elf lira maltija (Lm1,000) fl-atti tan-Nutar Joseph Agius li mhux inkluż fid-Dok. X u li pero` m'hemmx kwistjoni fuqu dwar jekk kienx dovut jew le. In effetti jekk kien għad fadal xi prova dwar l-attendibilita` tal-pretensjoni attriċi, dina ġiet saldata proprju bid-Dok. X li juri li effettivament dak li qed jippretendi huwa korrett;

Għal dak li hu meritu proprju għalhekk, din il-Qorti ma tarax li l-appellanti għandhom raġun;

Ikkunsidrat:

F'dan l-istadju l-appellanti May Leone Ganado qed tissolleva kwistjoni legali li hija kienet issollevat fi prim'istanza u li kienet ġiet deċiża bis-sentenza appellata. Hija qiegħda tissottometti li hija kienet iggarantiet, permezz ta' l-iskrittura Dok. A, l-ammont ta' sitt mitt lira (Lm600) li effettivament kienu dovuti biss minn żewġha,

tant li Dok. A2 u A3 a fol. 29 u 30 jirreferu għall-kawża fl-ismijiet **Franciz X. Aquilina *vs* Carlo Leone Ganado** u ċjoe` għalhekk, kontra Carlo Leone Ganado waħdu, bħal ma fil-kuntratt ta' dakinhar stess ġie ottenut il-permess tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili biex l-appellanti setgħet tkun firmatarja fid-debitu ta' żewġha, l-istess kellha tiġi ottenuta d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla għar-rigward ta' sitt mitt lira (Lm600) imsemmija fid-Dok.A;

Issa jirriżulta illi filwaqt li fil-kuntratt Dok. A1 li hemm esebit a fol. 23 tal-proċess l-appellanti May Leone Ganado iffirmat biss bħala garanti *in solidum* ma' żewġha, fl-iskrittura Dok. A il-posizzjoni *prima facie* *tidher li tbiddlet u dan billi hija ffirmat* **bħala debitriċi flimkien** ma' żewġha, u mhux bħala garanti ta' xi debitu minnu assunt jew minnu dovut. Kif qed tippretendi l-appellanti, pero`, fil-verita` d-debitu kien ta' żewġha, anke jekk il-ftehim jippretendi li hu jew jammonta għall-assunzjoni ta' debitu da parti tat-tnejn. Dak li ġuridikament jinteressa lil din il-Qorti, effettivament huwa l-att li dak il-ftehim ma jirrispekkjax il-verita` billi kienet x'kienet id-dikjarazzjoni fih kontenuta, il-verita` kienet u baqgħet waħda, u ċjoe`, li d-debitu kien bla dubbju ta' xejn ta' żewġha u għalhekk l-assunzjoni tagħha ma setgħetx kienet ħlief biex tiggarantixxi l-istess debitu, anke għaliex, difatti, ma jirriżultax li *hija kienet pubblika merkantessa u li tinnegozja f'isimha. Għalhekk* kienet meħtieġa l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla;

Ma fadalx aktar aggravji oħra x'jiġu kkonsidrati u għalhekk din il-Qorti qiegħda preżenzjalment tiddisponi mill-appell kif ġej, u ċjoe` billi tilqa' biss dak ta' May Leone Ganado, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha biss in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuta May Leone Ganado u kkundannatha, u minflok tilqa' l-eċċezzjoni tagħha fis-

sens spjegat supra u tiċħad it-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra tagħha. Qed jiġi rriformat ukoll il-kap ta' l-ispejjeż billi kwantu jirrigwarda l-konvenuta, fejn jirrikorru spejjeż diversi minn ta' żewġha, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa. Il-kumplament kollu tas-sentenza appellata jibqa' kkonfermat. Spejjeż ta' dan l-appell għall-appellant Carlo Leone Ganado ħlief dawk ta' martu l-appellanti l-oħra fejn jirrikorru li jkunu a kariku ta' l-appellant Aquilina.